**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 395/2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Charles Mario Micallef Moreno**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellat John Charles Mario Micallef Moreno detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 56889 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli:

Approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37), taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema flus kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz lilu, jew minħabba

depożitu neċessarju għad-dannu tal-Malta Red Cross Society. Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2014 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Charles Mario Micallef li bihas ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali intavolat fil-15 t'Ottubru, 2014 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-każ issib lill-appellat ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet il-partijiet jittrattaw l-appell.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li fil-kapacita' tieghu ta' impjegat mal-Malta Red Cross Society, l-imputat kien inghata l-inkarigu sabiex jiehu hsieb jiskreppja vettura tas-socjeta bil-fakulta' li jiffirma d-dokumenti mehtiega u jaghmel il-hlas relattiv. Ghal dan il-ghan inghata l-ammont ta' €1420 permezz ta' cheque izda

meta acceda ghand Transport Malta kien infurmat illi hlasijiet ta' aktar minn hames mitt euro ma jistghux isiru permezz ta' *cheque* u jkunu accettati biss fi flus kontanti. Ghalhekk talab lis-socjeta' tohrog *cheque* f'ismu, sarraf dan ic-*cheque* permezz ta' impjegata ohra tas-socjeta' izda minkejja dan, it-trasferiment baqa' ma sarx u l-imputat spjega illi meta acceda ghand Transport Malta sab hafna nies u halla kollox ma' adett iehor tal-Awtorita' li wieghdu li ser jghaddi l-karti hu u s-socjeta' tircievi r-ricevuti u d-dokument bil-posta. Wara kwerela lill-Pulizija, l-imputat irritorna l-flus u d-dokumenti mghoddija lilu;

2. L-appell tal-Avukat Generali huwa bazat fuq il-gravam singolari li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi li wasslet ghall-enuncjazzjoni zbaljata tal-provi;

3. Din il-Qorti ezaminat b'mod akkurat il-process gudizzjarju inkluz is-sentenza tal-ewwel Qorti u frankament ma tistax taqbel mal-Avukat Generali ghaliex is-sentenza hija wahda inecepibbli. L-ewwel Qorti ezaminat l-elementi tar-reat ta' appropriazzjoni indebita kif ravvizat fl-artikolu 293 u dak anicllari 294 tal-Kodici Kriminali mill-ottika ukoll ta' gurisprudenza li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet wahda valida u idonea sabiex dik tal-ewwel grad tkun gwidata biha. Mill-atti processwali jemergi illi l-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja id-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha u anke hemm ma jista' jkun akkampata ebda karenza tant li ma hemm l-ebda htiega li dan jerga' jsir f'dan l-istadju revizur;

4. Illi fl-ezami tal-elementi tar-reat in disamina mill-ewwel Qorti u meta xtarret il-fatti mill-ottika ta' dawn l-elementi kkonkludiet

illi t-tielet element, jigifieri l-konverzjoni tal-oggett fi profitt ghall-imputat ma kienx debitament pruvat: "*il-Qorti mhix sodisfatta li wiehed mill-elementi essenzjali li jsawwar ir-reat ta' appropriazzjoni indebita gie pruvat. Dan l-element huwa dak indikat bin-numru tlieta (3) hawn fuq, fejn fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** *kkwotat hawn fuq inghad: "u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal-haddiehor". Dan l-element ma giex pruvat. Ma jirrizultax li l-imputat dawwar bi profitt daik is-somma ta' flus u dawk l-oggetti li kienu ghadhom ghandu bi profitt ghalih*".;

5. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-prosekuzzjoni kellha bizzejjed opportunitajiet sabiex bil-mezzi li taghti l-ligi, nkluz bil-kontro-ezami tal-imputat meta ha l-pedana, tipprova dan l-element izda l-provi ma wrewx li sehh dak il-profitt daqstant essenzjali sabiex jissussisti r-reat;

6. Illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali qed ikun michud.